MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 243/2014

**A B**

**vs**

**C D;**

**E F;**

**Direttur Registru Pubbliku;**

**L-Avukat Simon Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Noel Scerri**

**illi permezz ta' digriet datat 28 ta' Jannar 2015 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-eredi mhux maghrufa tal-mejjet G B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attur A B li jaqra kif gej:-

Illi r-rikorrent A B twieled nhar id-29 ta' Gunju 1994 bhala iben l-intimata C D b'dan li missieru naturali huwa indikat bhala 'G B' kif inhu evidenzjat rnic-certifikat tat-twelid tal-istess rikorrent;

Illi l-intimata C D kienet mizzewga lid-defunt G B u konsegwentement, mat-twelid tar-rikorrent, dan tal-ahhar gie mnizzel bhala l-wild naturali tal-istess G B;

Illi dan sehh proprju minhabba presunzjonijiet legali u xejn aktar;

Illi huwa pacifiku bejn il-partijiet li r-rikorrent A B mhux il-wild naturali tal-mejjet G Ronanyne izda l-wild natura li tal-intimat l-iehor E F kif wara kollox jirrizulta mid-DNA test;

Illi ghalhekk jehtieg li c-certifikat tat-twelid tar-rikorrent A B jigi emendat b'tali mod li juri li l-intimat E F huwa l-missier naturali tieghu;

Illi huwa fl-ahjar interessi tal-partijiet kollha, specjalment dawk tar-rikorrent A B li c-certifikat tat-twelid tieghu jkun jirrispekkja r-realta' u dan anke in vista tal-fatt li l-istess rikorrent huwa konxju mill-fatt li l-intimat defunt G Ronanye mhux missieru u issa jaf lil E F bhala missieru;

Illi r-rikorrent gie awtorizzat jintavala l-kawza odjerna permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tat-2 ta' Ottubru 2014;

Jghidu ghalhekk l-intimati ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

(1) Tiddikjara li r-rikorrent A B mhux il-wild naturali tal-intimat mejjet G B u li l-istess intimat G B m'huwiex il-missier naturali ta' A Ronanyne;

(2) Tiddikjara li A B huwa l-wild naturali tal-intimat E F u li l-istess E F huwa l-missier naturali tar-rikorrrent;

(3) Konsegwentement tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku ihassar minn fuq ic-certifikat tat-twelid ta' A B mill-kolonna li tirraprezenta isem u kunjom il-missier il-kliem "G B" u d-dettalji kollha tieghu u minflok jigu sostwiti bid-dettalji tal-intimat E F li ghandu n-numru tal-karta ta' l-identita' 718949M, iben Lorenzo F (li kien mejjet fil-gurnata tat-twelid ta' A) u Christina nee' Tabone, mwieled nhar it-28 ta' Awwissu 1949 gewwa z-Zejtun, kien residenti gewwa l-Qrendi fiz-zmien li twieled A u fl-istess zmien tat-twelid tal-istess A kellu 45 sena.

(4) Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku ibiddel il-kunjom tar-rikorrent A minn dak prezenti cioe' 'B' ghal dak "F" biex jirrispekkja kunjom il-missier naturali;

Bl-ispejjez kontra l-intimati jew min minnhom li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif gej:-

1. Illi bla ebda pregudizzju ghas-suespost. fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternita’ ta’ A B, l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi jigi sottomess illi jekk fil-punt tat-twelid tat-tarbija, omm it-tarbija, kienet ghadha legalment mizzewga lil G B, u ma gabitx prova kuntrarja, kien ghalhekk li huwa gie indikat bhala l-missier fuq l-att tat-twelid tal-minuri in kwistjoni, u kien ghalhekk ukoll li kunjom it-tarbija gie imnizzel bhala 'B'.

3. Illi subordinatament dejjem bla hsara ghal dak fuq imsemmi, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti huwa important: li l-kelmiet 'the said' li jinsabu qabel isem G B, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm ghandhom ukoll jigu kkancellati mill-Att tat-Twelid bin-numru tar-registrazzjoni 2981 tas-sena 1994;

4. Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u ghalhekk huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

5. Salv eccczzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

"Nota ta' ammissjoni bil-gurarnent ta' E F

Li permezz taghha qieghed jiddikjara u bil-gurament tieghu jikkonferma li hu l-missier naturali ta' A B li twieled nhar id-29 ta' Gunju 1994 u mhux il-mejjet G B.

Ghal finijiet ta' korrezzjoni fuq ic-certifikat tat-twelid ta' A, l-esponent jiddikjara li l-konnotati u d-dettalji tieghu huma s-segwenti:

Isem u kunjom: E F

Karta tal-identita' numru: 718949M

Isem u kunjom missieru: Lorenzo F (li kien mejjet fil-gurnata tat-twelid ta' A) u Christina nee' Tabone

Data tat-twelid: 28 ta' Awwissu 1949

Post tat-twelid: Zejtun

Post tar-residenza meta twieled A: Qrendi

Eta' meta twieled A: 45".[1]

Rat in-nota tal-konvenuta C D, omm l-attur, li permezz taghha iddikjarat illi missier l-attur ma hux id-defunt G B izda l-konvenut E F.

---

[1] Fol. 16

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati ghad-defunt B li permezz taghha ddikjaraw li ma humiex edotti mill-fatti.

Rat l-atti.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**Provi**.

L-attur xehed illi huwa ma jirrisjediex ma' ommu izda f'dar residenzjali fejn ilu jghix ghal snin twal. Spjega illi ommu gharfitu illi missieru ma hux il-persuna indikata fuq ic-certifikat tat-twelid tieghu izda l-konvenut E F.

Kien ghalhekk li talab li jsir it-test tad-DNA minn Dr Marisa Cassar. Dr Cassar ipprelevat kampjuni minn fuq il-persuna tal-attur u minn fuq il-persuna tal-konvenut F u rrilaxxjat rapport li gie minnha mahluf fit-13 ta' Novembru 2014. Minn dan ir-rapport xjentifiku jirrizulta illi l-attur huwa l-wild naturali tal-konvenut E F.

Gie ghalhekk sodisfacentement ippruvat illi missier l-attur ma hux id-defunt B izda l-konvenut F.

Il-provvedimenti legali li fuqhom hija msejsa l-kawza odjerna jinstabu fil-**Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta**:-

Artikolu 78.

(1) Il-filjazzjoni tal-ulied imnissla jew imwielda matul iż- żwieġ tiġi ppruvata bl-att tat-twelid imniżżel fir-Reġistru Pubbliku.

(2) Tista' tkun ippruvata wkoll bir-reġistri tal-paroċċa.

**Artikolu 79.**

Fin-nuqqas tal-provi msemmija fl-aħħar artikolu qabel dan, hu biżżejjed il-pussess kontinwu tal-istat ta' iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ.

**Artikolu 80**

(1) Il-pussess tal-istat ta' iben leġittimu jiġi stabbilit minn ġabra ta' fatti li, meħudin flimkien, jiswew biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jgħid li hi l-familja tiegħu.

(2) L-ewlenin fost dawn il-fatti huma: (a) illi t-tifel ikun ġieb dejjem il-kunjom tal-missier li tiegħu hu jgħid li huwa l-iben; (b) illi l-missier ikun ittrattah bħala ibnu, u, f'dik il-kwalità, ħaseb għall-manteniment u edukazzjoni tiegħu, u sabiex jikkollokah; (ċ) illi t-tifel ikun ġie dejjem magħruf bħala tali man-nies; (d) illi huwa jkun ġie magħruf bħala tali mill-familja.

**Artikolu 81**

"(1) Ħadd ma jista' jitlob stat kuntrarju għal dak li jagħtuh l-att tat-twelid bħala iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ u l-pussess ta' stat li jaqbel ma' dak l-att.

(2) Hekk ukoll, ħadd ma jista' jattakka l-istat ta' iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ ta' tifel li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel mal-att tat-twelid tiegħu."

**Artikolu 83**

“Il-prova kuntrarja tista’ ssir b’xiehda li turi illi min jitlob l-istat mhux bin il-mara illi hu jgħid li hija ommu, inkella, meta hija ippruvata l-maternità, illi hu mhux bin żewġ ommu.”

**Artikolu 84**

“M’hemmx preskrizzjoni għall-azzjoni għal tifel biex jistabbilixxi l-filjazzjoni proprja tiegħu.

**Artikolu 85**

“(1) Iżda, jekk it-tifel ma jkunx mexxa l-azzjoni hawn fuq imsemmija, din ma tistax tinġieb ’l quddiem mill-werrieta jew mid-dixxendenti tiegħu, ħlief fil-każ illi hu jkun miet meta kien taħt l-età jew fil-ħames snin wara li kien sar tal-età.

(2) Jekk it-tifel ikun mexxa l-azzjoni u jmut fiż-żmien li tkun miexja l-kawża, din tkun tista’ titkompla mill-werrieta jew mid-dixxendenti tiegħu”

Ikkunsidrat;

Applikati dawn il-provvedimenti legali ghall-kaz in ezami, jirrizulta mill-atti illi l-attur irnexxielu jipprova sodisfacentement illi huwa ma hux iben il-mejjet G B izda iben il-konvenut E F. Jirrizulta illi l-attur ghex hajtu ‘l boghod mid-dar tal-familja tieghu u kien biss recenti li ommu qallu bil-verita’ li missieru huwa l-konvenut F.

Il-Qorti qieghda ghalhekk tikkonkludi illi t-talbiet attrici jimmeritaw li jigu akkolti.

Saret talba mill-attur illi in vista li hu ma jahti xejn ghal dawn il-proceduri u in vista li s-sitwazzjoni finanzjarja taz-zewg genituri tieghu hija wahda prekarja, l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement:-

1. Tiddikjara illi l-attur ma hux iben il-mejjet G B izda iben il-konvenut E F.

2. Tordna illi l-att tat-twelid tal-attur jigi emendat fis-sens illi isem G B jigi kancellat u jigu kancellati wkoll il-kliem 'the said' u minflok jitnizzel isem u kunjom il-konvenut E F bil-konnotati kollha tieghu kif jirrizutaw min-nota ta' ammissjoni tieghu a fol. 16 tal-process.

3. Tordna li l-attur ghandu jkun maghruf bil-kunjom "F".

Minhabba c-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet hlief dawk tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li ghandhom jithallsu in kwantu ghal nofs mill-konvenuta C D u nofs mill-konvenut E F.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------